BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Sebgha-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2009, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 36**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Rapport dwar ir-Rizorsi Umani**
5 **Offerti - BLC 1/2009: Servizz ta' Installazzjoni u Manutenzjoni tad-dawl tat-Toroq**
**BLC 2/2009: Servizz ta' sigurtà fi Gnien l-Istazzjon**
**BLC 3/2009: Servizzi ta' Tindif.**
6 ***Management Accounts* – sat-28/2/2009**
7 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 28**
8 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
9 **Korrispondenza**
10 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
11 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsiliera**
12 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

**NB: Id-dokumenti relatati mal-*management accounts* ser jitqassmu lilkom nhar il-Gimgha, 20 ta' Marzu 2009**

BIRKIRKARA

Minuti tas-Sebgha-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2009 mis-6:35p.m. sat-8.30pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt --Assenti, imma Skuzata |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri-- Assenti, imma Skuzata |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo --Assenti, imma Skuzat |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Michael Camilleri, u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera Dr. George Debattista u Sergio Carbonaro dahlu fil-kamra fis-6.40pm u fis-6.51pm rispettivament. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Roberto J. Buontempo, Charlene Camilleri u Dr.Josianne Cardona Gatt kienu assenti, imma skuzati. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 36

Il-Minuti tas-Sitta-u-Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Wara li saret korrezzjoni f'*item 4* huma gew approvati b'seba' voti favur, xejn kontra u astenzjoni wahda. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Michael Camilleri, u Mary Spiteri Shaw. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg astjeniet ghax hi ma kinitx prezenti ghal-laqgha numru 36.

Hawnhekk dahal il-Kunsillier Dr. George Debattista. Il-hin kien is-6.40pm

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 36

3.1 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghal *item* 6.5. Hu staqsa jekk is-somma ndikata kinitx giet imdahhla fil-*management accounts*. Is-Sindku wieġeb fil-posittiv.

3.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghal *item* 8.1. Hu staqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva l-flus minghand il-MEPA, u mill-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi fil-granet li

ghaddew il-Kunsill kien ircieva flus minghand il-MEPA, mill-Awtorita' tad-Djar, u mill-Kumitat Kongunt tal-*Wardens*.

3.3 Il-Kunsillier Dr. George Debattista accenna ghal *item* 3.2. Hu staqsa jekk fil-*managemnet accounts* giex imdahhal kollox. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb fil-posittiv.

3.4 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 6.6. Hi wriet l-apprezzament taghha ghal min kien involut biex itella' l-programm inkonnessjoni mal-vizita tal-President gewwa Birkirkara. Hi gibdet l-attenzjoni li d-Dar tal-Kleru ma kienitx giet inkluza fil-programm.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 8.1. Hi sosniet li ma kinitx qeghda taqbel mal-frazi /l-opinjoni tas-Sindku. Is-Sinjura Borg ghamlet riferenza ghal ittra bid-data tas-16 ta' Marzu 2006 li kien ta' *l-accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella (DOK 1) kif ukoll ghal dokument iehor li kien parti minn rapport li kien gie prezentant mill-Kunsill lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said (DOK. 2). Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami sostna illi dak li kwota hu kienet sempliciment l-opinjoni tieghu. Hu qal li hu kien ibbaza l-opinjoni tieghu minhabba l-fatt li fl-ewwel gimghat ta' dan il-Kunsill, il-Kunsill kien ircieva l-kont dwar Sqaq Sampusa. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn wara is-Sindku accetta li jirtira dak li kien qal fil-laqgha precidenti.

Hawnhekk dahal fil-kamra il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro. Il-hin kien is-6.51pm

Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg talbet lill-membri prezenti biex ikun hemm bdil fl-agenda billi *item* 5 jigi diskuss aktar tard. Dan minhabba li hi kien ser ikollha titlaq ghal ftit tal-hin, minhabba *meeting* iehor, u tirritona aktar tard. Dwar is-suggeriment tas-Sinjura Borg li gie ssekondat mill-Kunsill is-Sur Jimmy Calleja kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw hargu mill-kamra. Il-hin kien is-6.56pm

## 4 Rapport dwar ir-Rizorsi Umani

Dan ir-rapport gie mqassam ma' l-agenda u gie anness mal-minuti. Saret diskussjoni qasira fejn fost l-ohrajn il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja sostna ili invista tal-qaghda finanzjarja tal-Kunsill hu ma kienx qed jaqbel li l-impjegati tal-Kunsill jinghataw il-*performace bonus*. Il-Kunsillier Dr George Debattista issuggerixxa illi l-impjegati ghandom jinghataw il-percentagg indikat bil-ligi u dwar il-kumplament ghandna naraw aktar 'il quddiem.

Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ipproponiet li tigi sospiza ghal ftit tal-hin il-laqgha tal-kunsill biex hi tkun tista' tikkonsulta certu affarijiet mal-Kunsilliera Laburista. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.Il-Kunsiliera Joanne Borg kienet sekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Il-hin kien is-7:02pm.

Ghal habta tas-7:09pm tkompliet il-laqgha wara li l-l-Kunsilliera Laburisti regghu dahlu fil-kamra

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone jinghata ghaxra fil-mija *performance bonus*. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Il-proposta tas-Sindku ghaddiet bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Dr George Debattista, Mark Abdilla, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro

Hawnhekk is-Segretarju rringrazzja lil membri kollha prezenti.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami pprona li l-impjegati kollha l-ohra tal-Kunsill jinghataw sitta fil-mija *performance bonus* fuq is-salarju rispettiv taghhom. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsilliera s-

Sinjura Joanne Borg. Il-proposta tas-Sindku ghaddiet bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Dr George Debattista, Mark Abdilla, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro

Wara s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghadda ghat-tieni parti tar-rapport. Is-Sindku qal li wara li hu kkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Joseph Tabone, hu kien qed jirrakkomanda li l-impjegata s-Sinjorina Elisa Borg tigi promossa ghal skala 11 b'effett mill-14 ta' Lulju 2009. Dan wara li hi tkun ghalqet tlett snin fil-grad ta' ufficjal ezekuttiv fuq skala 13. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier s-Sur Antony Buttigieg. Il-proposta tas-Sindku ghaddiet bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, Dr George Debattista, Mark Abdilla, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro

**6 *Management Accounts* sat-28 ta' Frar 2009**

Ghall-habta tas-7.11pm, is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami bil-permess tal-membri kollha prezenti stieden lill-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella biex jipprezenta u jispjega r-rapport li kien juri l-*Management Accounts* sat-28/2/2009. Dan ir-rapport kien tqassam lill-membri kollha ma' l-agenda.

Is-Sur Christian Vella fl-ispjega tieghu qal li s-sitwazzjoni finanzjarja kienet marret ghall-ahjar, ghalkemm kien hemm lok ghal aktar titjieb. Hu informa ukoll li l-membri prezenti illi l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2009-2010 kienet telghet ghal € 901,000.

Hawnhekk dahlet fil-kamra l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Il-hin kien 7.45pm

Waqt l-ispjegazzjoni saret diskussjoni qasira fejn diversi kunsilliera staqsew numru ta' mistoqsjiet li ghalihom wiegeb is-Sindku, kif ukoll is-Sur Vella. Il-mistoqsijiet u l-ispjegi li nghataw kienu jikkoncernaw l-aktar dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tac-Centru Civiku u sistema proposta biex kull dipartiment jigi bil-meters ghalih, dwar is-sistema proposta biex l-ufficini tal-Kunsill ikunu jahdmu bl-energija tax-xemx (*bis-solar panels*), li ghal dan l-iskop applikajna ghal fondi mill-EU, dwar LES, u dwar il-manutenzjoni tac-Centru Civiku kif ukoll dwar il-kuntratt propost mad-Dipartiment tas-Sahha dwar il-berga fic-Centru Civiku. Waqt l-ispjega l-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri pprezenta kopja ta' artiklu li deher fis-Sunday Times of Malta nhar it-22 ta' Marzu 2009 bit-titlu '*Wardens issue 144 traffic fines to dead residents*' **u talab spjegazzjoni dwarha li din inghatat mis-Sindku.**

Kif spiccat id-diskussjoni s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami rringrazzja lis-Sur Vella. Is-Sur Vella hareg mill-kamra ghall-habta tas-7:55pm

**5 Offerti - <u>BLC 1/2009</u>: Servizz ta' Installazzjoni u Manutenzjoni tad-dawl tat-Toroq**

**<u>BLC 2/2009</u>: Servizz ta' sigurta' fi Gnien l-Istazzjon**

**<u>BLC 3/2009</u>: Servizzi ta' Tindif.**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghar-rakkomandazzjonjiet li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi dwar it-tlett offerti (BLC 1/2009, BLC 2/2009 u BLC 3/2009) rispettivi. Saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsilliera staqsew numru ta' mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri qal li hu kien **jastjeni** minhabba li ma kienx qed jaqbel li dan il-Kunsill jorbot lill-Kunsil li jmiss. Waqt id-diskussjoni is-Sindku ghamel ukoll riferenza ghal tlett dokumenti li kienu juru kif intefghu l-offerti fuq it-tlett servizzi mitluba kif ukoll ghal xi *workings* li kien hadem hu dwar l-offerti :- BLC 1/2009 u BLC 2/2009. Is-Sindku qal li waqt zewg laqghat tal-Kumitat tal-Finanzi li saru nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2009 u ohra nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2009 il-Kumitat kien qed jirrakomanda dan li gej :

**<u>A Dwar l-offerta BLC 3/2009: Servizzi ta' Tindif.</u>**

BIRKIRKARA

Il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jirrakkomanda illi din l-offerta tinghata lil **Carmelo & Joseph Gauci** bil-kundizzjoni li kuntrattur ikun marbut b'sitt xhur *probation*

**Numru ta' offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu jappartjenu lil:**

1 **Carmelo & Joseph Gauci**

2 **Christopher Micallef – skwalifikat ghax ma sottomettix il-Bid-Bond**

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ressaq ghal vot ir-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi fuq din l-offerta. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Butigieg. Bi tmien voti favur, **astenzjoni wahda u xejn kontra** il-membri prezenti qablu mar-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi u approvaw li l-offerta dwar : **Servizzi ta' Tindif.** tinghata lil **Carmelo & Joseph Gauci** minhabba li l-offerta kienet vantagjuza ghall-Kunsill. Dawk li vvutaw favur kienu is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Dr George Debattista, Mark Abdilla, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro. Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri **astjena**.

**B Dwar l-offerta BLC 2/2009: Servizz ta' sigurta' fi Gnien l-Istazzjon**

Il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jirrakkomanda illi din l-offerta tinghata lill- Executive Security Services Limited bil-kundizzjonijiet li gejjin:- a) li kuntrattur ikun marbut b'sitt xhur *probation,* (b) li l-kuntrattur irrid jaghmel uzu minn sistema ta' *punch clock* li jkun provdut mill-Kunsill Lokali u (c) li servizz jista' jkun estiz ghall-gonna ohra u ghac-Centru Civiku Birkirkara.

Numru ta' offerti mitfugha kienu sebgha (7). Dawn kienu jappartjenu lil:

1 **Sterling Security Co. Ltd**

2 **Executive Security Services Limeted**

3 **G4S Security Security (Malta) Ltd**

4 **Kavallier Security Services Ltd**

5 **JF Security & Cosultancy Services Limited**

6 **Nike Ventures Ltd**

7 **Khiron Security Limited**

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ressaq ghal vot ir-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi fuq din l-offerta. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Butigieg. Bi tmien voti favur, **astenzjoni wahda u xejn kontra** il-membri prezenti qablu mar-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi u approvaw li l-offerta dwar : **Servizz ta' Sigurta' fi Gnien l-Istazzjon** tinghata lil Executive Security Services, minhabba li l-offerta kienet l-aktar wahda vantagjuza ghall-Kunsill. Dawk li vvutaw favur kienu is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Dr George Debattista, Mark Abdilla, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro. Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri **astjena**.

Hawnhekk hareg mill-kamra l-Kunsillier s-Sur Mark G. Abdilla. Il-hin kien it-8.13pm

**C Dwar l-offerta BLC 1/2009: Servizz ta' Installazzjoni u Manutenzjoni tad-dawl tat-Toroq**

Il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jirrakkomanda illi din l-offerta tinghata lill- J.F. Mallia Ltd bil-kundizzjoni li: - a) li kuntrattur ikun marbut b'sitt xhur *probation*

Numru ta' offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu**4**jappartjenu lil:

1 **Mica Med Limited**

2 **J.F. Mallia Ltd**

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ressaq ghal vot ir-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi fuq din l-offerta. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Butigieg. B' seba' voti favur, **astenzjoni wahda u xejn kontra**, il-membri prezenti qablu mar-rakkomandazzjoni li kien ghamel il-Kumitat tal-Finanzi u approvaw li l-offerta dwar Servizz ta' Installazzjoni u Manutenzjoni tad-dawl tat-Toroq tinghata lil J.F. Mallia Ltd. Dawk li vvutaw favur kienu is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Dr George Debattista, Jimmy Calleja, u Sergio Carbonaro. Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri **astjena.**

Hawnhekk hareg il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri. Il-hin kien it-8.18pm

## 7 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti Numru 28

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 28 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera fejn ghalihom wiegeb is-Sindku s-sur Michael Fenech Adami. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 28 ġiet approvata b'seba voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Dr. George Debattista,

## *8* Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti

Il-lista tal-flus kontanti tal-perjodu mill- 31/1/2009 sal-4/3/2009 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata b'seba' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro u Dr. George Debattista

## 9 Korrispondenza

Il-Korrispondena ta' hawn taht kienet tqassmet lill-membri kollha ma' l-agenda.

9.1 Ittra bid-data tat-13 ta' Marzu 2009, minghand il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, flimkien ma' ittra ta' risposta bid-data tas-16 ta' Marzu 2009, minghand is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone.

9.2 Ittra bid-data tas-6 ta' Marzu 2009, minghand d-Deputat Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru tal-Finanzi, is-Sur Colin Calleja.

## 10 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li jekk hemm xi kunsilliera li ghandhom xi dubju jew iridu jikkjarifikaw xi haga, hu lest li jaghti kull informazzjoni mehtiega bhalma dejjem ghamel. Hu appella lill-Kunsilliera kollha biex ma jaghmlux pressjoni zejda fuq l-istaff u ma jindahlux fl-amministrazzjoni.

10.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi fil-granet li gejjin il-Kunsilliera kienu ser jircievu cirkolari mill-Kunsill li tinformahom bil-granet ta' meta kienu sejrin isiru l-laqghat annwali tar-residenti. Hu qal li din id-darba minbarra li kienu ser jidhru l-avvizi fil-gazzetta lokali u fil-gazzetta tal-gvern li jinfurmaw lill-pubbliku b'din il-laqgha, il-kunsill kien ser iqassam numru ta' *flyers* f'diversi toroq fiz-zoni kollha.

## 11 Twegibiet ghall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

11.1 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa dwar il-**5**bzonn li ssir skeda li turi meta ser ikun imisshom

jitkellmu l-Kunsilliera fuq il-BKR Radio. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-jiem li gejjien wahda mill-iskravani kienet ser iccempel lil kull kunsillier biex issir l-iskeda imsemmija. Intlahaq qbil biex ghal Hamis 26 ta' Marzu u l-Hamis 2 ta' April imorru l-kunsilliera s-Sinjuri Anthony Buttigieg u Dr. George Debattista rispettivament.

**12 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-8.30pm.

Joseph Cabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**